MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 165/2002/1

**Elmo Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Adrian Buttigieg**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm624.85c (sitt mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f'incident awtomobilistiku tal-4 ta' Settembru, 2001 bejn il-vettura GLF 192 propjeta' tal-attur u misjuqa minnhu Ramon Godano l-vettura JAV 419 tal-konvenut, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-Risposta li fiha l-konvenut jghid li ma hu bl-ebda mod responsabbli ta’ dana l-incident izda liema l-istess incident gara unikament tort tal-assikurat jew is-sewwieq tieghu.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-Road Accident Report u l-iskizz fejn il-konvenut qal li kien qed isuq fi Triq il-Kampanella u f’daqqa wahda il-vettura GLF 192 giet minn naha l-ohra tat-triq u dahlet do fih. Ramon Godano qal li kien fit-Triq il-Kampanella, u meta ra li  minn naha l-ohra kienet gejja il-vettura tal-konvenut, hu sslowja izda l-konvenut baqa’ diehel go fih.

Ra s-seduta tat-2 ta’ Ottubru, 2002 li fiha xehed l-konvenut Adrian Buttigieg fejn qal li kien sejjer fid-direzzjoni ta’ Triq il-Kampanella meta ltaqa’ ma’ habiba tieghu Daniela Preca u waqaf ikellimha. L-konvenut qal li x’hin gie biex jidhol mal-genb qala’ biex jipparkja mal-genb. Ma kienx hemm parking allura ried jirriversja gol-parking area u meta qala’ l-vettura l-ohra dahlet go fih. Jikkonferma wkoll li ra l-vettura l-ohra gejja qabel ma qala’ izda xorta qala’. L-konvenut ikkonferma li zewg vetturi ma kienux jghaddu ma genb xulxin, ghalhekk hu ried jidhol fil-fetha biex jaghti cans lill-iehor biex jghaddi.

Ra fl-istess seduta x-xhieda ta’ Daniela Preca u tikkonferma li qal il-konvenut.

It-Tribunal jinnota li l-verzjoni li ta l-konvenut fil-kawza huwa differenti mill-verzjoni li ta orgininalment lil Pulizija wara l-habta.

Illi l-konvenut li ra lil attur gej minn naha l-ohra kellu joqghod attent qabel ma qala’ sabiex jirriverzja. L-konvenut stess jghid li l-incident ma garax meta kien qed jirriverzja izda meta qala’. L-konvenut kien responsabbli ghal incident ghaliex naqas li jirregola s-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi. Meta l-konvenut waqaf biex ikellem lil Daniela Preca kellu joqghod attent qabel ma jerga jsuq. Mill-verzjoni tal-konvenut stess jirrizulta li hu kien responsabbli ghal incident ghaliex naqas li jara dak li kien hemm quddiemu qabel ma qala’. Daniela Preca

tikkonferma li l-konvenut kien ser jersaq il-quddiem biex imbaghad jirriversja.

Illi d-danni ma gewx ikkuntestati u huma ragjonevoli. Ghaldqastant l-eccezzjonijiet tal-konvenut huma michuda.

Ghaldaqstant il-konvenut kien unikament responsabbli ghal incident in kwistjoni u ghalhekk ghandu jhallas lill-atturi l-ammont ta’ Lm624.85c (sitt mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu) bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali datat 19 ta’ Dicembru, 2001 bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------